IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.6.2013
SWD(2013) 223 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

dwar il-fatturar elettroniku fl-akkwist pubbliku

{COM(2013) 449 final}
{SWD(2013) 222 final}
{SWD(2013) 225 final}

WERREJ

Introduzzjoni 3

1. Kwistjonijiet proċedurali u konsultazzjoni mal-partijiet interessati 3

2. Kuntest tal-politika, definizzjoni tal-problema u Sussidjarjetà 3

3. Objettivi tal-inizjattiva 4

4. Alternattivi ta' politika 5

5. Valutazzjoni tal-Impatti 6

6. Tqabbil tal-Alternattivi 8

7. Monitoraġġ u evalwazzjoni 9

INTRODUZZJONI

Din il-valutazzjoni tal-impatt tagħti ħarsa lejn l-effetti ta' inizjattiva li possibbilment tista' tieħu l-UE biex ittejjeb l-interoperabilità tal-fatturar elettroniku fl-akkwist pubbliku madwar l-Unjoni Ewropea, bil-għan li telimina l-frammentazzjoni tas-Suq Intern.

1. KWISTJONIJIET PROĊEDURALI U KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJIET INTERESSATI

Il-Kummissjoni tqis l-azzjoni sabiex tiġi promossa l-adozzjoni tal-fatturar elettroniku fl-akkwist pubbliku bħala prijorità għall-futur qarib. Dan huwa rifless fl-inklużjoni ta' azzjoni ewlenija dwar il-fatturar elettroniku fl-akkwist pubbliku fl-Att dwar is-Suq Uniku II.

Din il-Valutazzjoni tal-Impatt tibni fuq l-analiżi ta' riċerka estern, fuq konsultazzjonijiet mal-partijiet interessati u fuq stħarriġ onlajn, li ġabar aktar minn 700 tweġiba.

2. KUNTEST TAL-POLITIKA, DEFINIZZJONI TAL-PROBLEMA U SUSSIDJARJETÀ

Din l-inizjattiva tikkonċerna biss l-akkwist pubbliku kopert mid-Direttivi 2004/17/KE, 2004/18/KE u 2009/81/KE.

2.1. Definizzjoni tal-problema

L-eżistenza ta' diversi standards mhux interoperabbli tal-fatturar elettroniku madwar l-UE hija l-kaġun prinċipali tal-problema fir-rigward tal-iskambju tal-fatturi fl-akkwist pubbliku. Dan il-kaġun prinċipali jitqiegħed f'kuntest usa', fejn minkejja l-isforzi biex jitħeġġeġ l-użu tal-fatturar elettroniku u r-rikonoxximent wiesa' tal-bosta benefiċċji li jġib miegħu, is-settur pubbliku madwar l-UE ftit li xejn irreaġixxa fil-konfront tiegħu. L-Istati Membri li ħadu d-deċiżjoni li jiffaċilitaw jew li jimponu l-użu tal-fatturar elettroniku, ta' spiss ħarġu b'soluzzjonijiet tekniċi huma stess, ibbażati fuq standard nazzjonali separat - dan il-fattur ma jagħmel xejn ħlief jiggrava l-problema tal-interoperabilità, billi jkompli jżid l-għadd ta' standards ġodda fis-suq.

2.1.1. Il-problema (P1) – il-livell eċċessiv ta' kumplessità u ta' inċertezza ġuridika għall-kumpaniji

L-eżistenza, madwar l-UE kollha, ta' diversi rekwiżiti u standards fil-qasam tal-fatturar elettroniku twassal għal livell eċċessiv ta' kumplessità u ta' inċertezza ġuridika għall-kumpaniji meta dawn joħorġu fatturi destinati għal Stat Membru ieħor. F'għajnejn il-forniturі, il-qagħda kumplessa tas-suq tal-fatturar elettroniku tal-UE hija ta' piż u tippreżenta r-riskju li xi fatturi elettroniċi ma jiġux aċċettati fi Stati Membri oħra.

2.1.2. Il-problema (P2) – kostijiet ogħla għall-kumpaniji

Minħabba li d-diversi rekwiżiti, standards, soluzzjonijiet, u netwerks/pjattaformi tal-fatturar elettroniku li jeżistu madwar l-UE mhumiex interoperabbli, u peress li ma hemm l-ebda standard komuni disponibbli fis-suq, il-kumpaniji li jkunu jixtiequ jwettqu attivitajiet ta' akkwist transfruntier ta' spiss jintalbu jikkonformaw ma' standard ġdid kull darba li jaċċessaw suq ġdid. Dan iżid il-kostijiet, irrispettivament minn jekk il-fatturi jiġux sottomessi direttament jew permezz ta' forniturі ta' servizzi. Dawn il-kostijiet operattivi ogħla jkollhom

ukoll effett negattiv fuq ix-xerrejja, billi jwasslu lill-kumpaniji li jġarrbuhom jgħollu l-prezzijiet tal-prodotti jew tas-servizzi tagħhom.

2.1.3. Il-konsegwenzi

Il-livell eċċessiv ta' kumplessità/inċertezza ġuridika u l-kostijiet operattivi ogħla għall-impriżi jistgħu jikkostitwixxu ostakli għall-aċċess għas-suq fil-qafas tal-akkwist pubbliku transfruntier. Fil-każijiet fejn verament jintuża l-fatturar elettroniku fl-UE, fil-biċċa l-kbira tiegħu jkun limitat għal netwerks separati, u ta' sikwit nazzjonali, li joħolqu "gżejjer ta' fatturar elettroniku" fis-Suq Intern. Dawn il-problemi jistgħu wkoll jiskoraġġixxu l-kumpaniji milli jagħmlu offerti f'akkwisti pubbliċi fi Stati Membri oħrajn; fi kliem ieħor l-impriżi jitilfu opportunitajiet ta' negozju potenzjali minħabba rekwiżiti speċifiċi tal-fatturar elettroniku li ma jkunux jistgħu jappoġġjaw jew li jqisu li jqumu wisq flus. Fl-aħħar nett, id-dominazzjoni tas-sistemi nazzjonali ta' fatturar elettroniku tfisser li jsiru inqas offerti transfruntiera, li jkun hemm inqas parteċipazzjoni min-naħa tal-kumpaniji, u għalhekk li jkun hemm inqas kompetizzjoni, li mbagħad tissarraf f'funzjonament ineffiċjenti tas-Suq Intern.

2.2. Ix-xenarju bażi

Billi mhi qed tittieħed l-ebda azzjoni ġdida fil-livell tal-UE, l-adozzjoni tal-fatturar elettroniku fl-akkwist pubbliku fl-UE se tkompli b'ritmu kajman u kostanti, filwaqt li dejjem jiżdiedu aktar standards nazzjonali fis-suq. Ma hemm l-ebda garanzija li l-Istati Membri se jagħżlu soluzzjonijiet interoperabbli – l-esperjenza riċenti pjuttost tissuġġerixxi l-kuntrarju. Fil-verità, il-fatturar elettroniku fl-akkwist pubbliku fl-UE qed jirriskja li jsir dejjem aktar kumpless u għoli, billi x-xerrejja, il-fornituri, u l-fornituri tas-servizzi jkollhom jipprovdu għal għadd dejjem akber ta' rekwiżiti u ta' standards nazzjonali. L-ostakli għall-aċċess għas-suq mhux biss se jibqgħu jeżistu iżda jistgħu saħansitra jiżdiedu.

2.3. Il-bażi ġuridika u s-sussidjarjetà

Id-dritt tal-UE li tieħu azzjoni biex tiżgura li l-funzjonament tas-Suq Intern joriġina mill-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

L-azzjoni tal-UE fil-qasam tal-fatturar elettroniku fl-akkwist pubbliku hija ġġustifikata fuq il-bażi tas-sussidjarjetà. L-azzjonijiet meħuda mill-Istati Membri ggravaw il-problema tal-interoperabilità, minħabba li tfaċċaw aktar standards tal-fatturar elettroniku fis-suq (li jiġġeneraw aktar kostijiet tal-interoperabilità u kumplessità akbar).

Minħabba l-interess transfruntier ta' xi tranżazzjonijiet relatati mal-akkwist pubbliku koperti mid-Direttivi u mill-inizjattivi nazzjonali li għaddejjin bħalissa biex jintroduċu l-fatturar elettroniku f'dan is-settur, azzjoni tal-UE dwar il-fatturar elettroniku fl-akkwist pubbliku tkun l-aktar metodu xieraq biex tittejjeb l-interoperabilità u biex tiġi evitata frammentazzjoni ulterjuri tas-Suq Intern. L-Istati Membri ma jistgħux iwettqu dan waħedhom, billi l-azzjonijiet tagħhom la jiggarantixxu l-interoperabilità għall-operaturi ekonomiċi u lanqas ma jeliminaw l-ostakli għall-aċċess għas-suq.

3. OBJETTIVI TAL-INIZJATTIVA

3.1. L-objettivi ġenerali

L-objettiv ewlieni ta' din l-inizjattiva se jkun li jittejjeb il-funzjonament tas-Suq Intern billi tintroduċi mekkaniżmi li jnaqqsu l-ostakli għall-aċċess għas-suq fil-qafas tal-akkwisti

pubbliċi transfruntiera, iġġenerati minn insuffiċjenza fl-interoperabilità tal-istandards tal-fatturar elettroniku.

3.2. L-objettivi speċifiċi

L-objettivi speċifiċi, li jikkontribwixxu għall-kisba tal-objettiv ġenerali, se jkunu s-segwenti:

(1) Li titnaqqas il-kumplessità u jittejbu ċ-ċarezza u ċ-ċertezza ġuridika għall-operaturi ekonomiċi, billi tippermettilhom jibagħtu l-fatturi skont l-istandards li jkunu diġà familjari magħhom, u li se jkunu aċċettati b'mod wiesa';

(2) Li jitnaqqsu l-kostijiet operattivi għall-operaturi ekonomiċi li jipparteċipaw fl-akkwist pubbliku transfruntier, bħall-kost ikkawżat mill-appoġġ lil diversi standards u sistemi ta' fatturar elettroniku.

3.3. L-objettivi operattivi

Ġie identifikat l-objettiv operattiv segwenti:

- Li jinħolqu l-kundizzjonijiet neċessarji biex tfiġġ/ifiġġu soluzzjoni(jiet) teknika/tekniċi għall-fatturar elettroniku fl-akkwist pubbliku li jkunu jiżguraw l-interoperabilità transfruntiera – fi kliem ieħor, li jinħolqu kundizzjonijiet fejn il-komunikazzjoni u l-immappjar bejn is-sistemi ta' fatturar elettroniku jkunu inqas intensivi fir-riżorsi, b'tali mod li jippermettu lix-xerrejja u lill-bejjiegħa jiskambjaw il-fatturi fl-akkwist pubbliku bl-aktar prezz baxx u b'livell minimu ta' kumplessità.

4. ALTERNATTIVI TA' POLITIKA

	Standard Ewropew ġdid jiġi propost lis-suq	L-Istati Membri jridu jaċċettaw il-fatturi konformi mal-istandard Ewropew il-ġdid	L-istandard Ewropew il-ġdid biss huwa permess
Alternattiva (1): L-ebda azzjoni ġdida min-naħa tal-UE	*LE*	*LE*	*LE*
Alternattiva (2): Approċċ tal-għażla libera	**IVA**	*LE*	*LE*
Alternattiva (3): Konverżjoni selettiva għall-fatturar elettroniku	**IVA**	LE/IVA (IVA - jekk Stat Membru jew awtorità kontraenti jimponi/timponi l-użu tal-fatturat elettroniku)	*LE*

Alternattiva (4): Aċċettazzjoni obbligatorja	**IVA**	**IVA**	*LE*
Alternattiva (5): Armonizzazzjoni sħiħa	**IVA**	**IVA**	**IVA**

5. VALUTAZZJONI TAL-IMPATTI

It-tneħħija tal-ostakli għall-aċċess għas-suq fil-fatturar elettroniku tkun tiġġenera prinċipalment impatti ekonomiċi, kemm f'termini ta' kostijiet kif ukoll ta' benefiċċji, fejn dawn tal-aħħar ikunu aktar sinifikanti. L-impatti ewlenin ikunu ssupplimentati b'impatti addizzjonali "sekondarji", billi t-titjib fl-interoperabilità wisq probabbli jkun isarraf f'żieda fl-adozzjoni tal-fatturar elettroniku. Dawn l-impatti jkunu ta' natura ekonomika, soċjali u ambjentali.

5.1. L-impatti ewlenin

L-iskala ta' dawn l-impatti tkun tiddependi fuq l-Alternattiva magħżula - aktar ma jkun hemm utenti li jikkonformaw ma' soluzzjoni unika, inqas jifdal ostakli għall-aċċess għas-suq.

Jekk jiġi stabbilit standard komuni tissolva l-problema ta' interoperabilità għall-kumpaniji kollha li jkollhom x'jaqsmu ma' awtoritajiet kontraenti li jaderixxu mar-regoli l-ġodda. Id-disponibbiltà ta' standard wieħed Ewropew interoperabbli u komunement aċċettabbli tnaqqas il-kumplessità li wieħed jinnegozja barra minn pajjiżu u tipprovdi aktar ċertezza ġuridika għall-impriżi. Dan inaqqas ukoll il-kostijiet li jirriżultaw mill-ħtieġa li wieħed jikkonforma ma' ħafna standards differenti tal-fatturar elettroniku. Xi adattamenti tal-iskemi tal-ipprezzar u tal-istrutturi tas-suq għat-trażmissjoni ta' fatturi elettroniċi jġibu magħhom iffrankar ulterjuri potenzjali għall-kumpaniji.

Kwalunkwe miżura li tkun tirrikjedi l-użu ta' standard Ewropew ġdid għall-fatturar elettroniku tiġġenera xi kostijiet relatati mal-implimentazzjoni għall-kumpaniji, għall-awtoritajiet ta' kuntatt u għall-Istati Membri. Madankollu, dawn il-kostijiet jiġu kkumpensati mill-benefiċċji mistennija, jiġifieri, bl-iffrankar operattiv mill-fatturar elettroniku u bi prezzijiet irħas fl-akkwist pubbliku minħabba kompetizzjoni msaħħa.

5.2. L-impatti sekondarji

L-adozzjoni tal-istandard Ewropew ġdid għall-fatturar elettroniku tista' tiġġenera impatti sekondarji permezz ta' żieda fl-adozzjoni tal-fatturar elettroniku fl-akkwist pubbliku. Din iż-żieda fl-użu tal-fatturar elettroniku tkun is-sors ta' ċerti impatti ekonomiċi, soċjali, u ambjentali.

5.2.1. L-impatti ekonomiċi, ambjentali u soċjali

L-impatti ekonomiċi li jirriżultaw minn żieda fl-adozzjoni tal-fatturar elettroniku jkunu marbuta mal-iffrankar għall-ekonomija, iġġenerat mill-iffrankar mistenni fl-akkwist pubbliku (jiġifieri tnaqqis tal-kostijiet operattivi għax-xerrejja u għall-bejjiegħa, trasparenza akbar, proċessar tal-pagamenti aktar mgħaġġel u li jieħu inqas żmien). L-impatti soċjali huma

mistennija li jkunu newtrali. L-impatti ambjentali huma mistennija li jkunu pożittivi – fuq kollox dawn ikunu jsarrfu f'użu ta' inqas karti u fi tnaqqis fl-emissjonijiet ta' CO2.

5.2.2. Tnaqqis tal-piż amministrattiv

Id-disponibbiltà tad-dejta tal-fatturar b'mod elettroniku tkun tissimplifika l-awditjar u l-ġbir tat-taxxa mill-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istati Membri, kif ukoll it-tħejjija ta' kwalunkwe rapporti li jkunu jridu jiġu pprovduti mill-kumpanija. Konsegwentement, dan inaqqas il-piż amministrattiv minn fuq l-impriżi. Minħabba li dawn ir-rekwiżiti amministrattivi għandhom piż akbar fuq l-impriżi iżgħar, dan it-tnaqqis se jkun partikolarment ta' benefiċċju għall-SMEs.

5.3. L-impatti tal-Alternattivi differenti

5.3.1. L-Alternattiva (1) – L-ebda azzjoni ġdida min-naħa tal-UE

Din l-alternattiva ġiet deskritta fix-xenarju bażi.

5.3.2. L-Alternattiva (2) – L-approċċ tal-għażla libera

Standard Ewropew ġdid għall-fatturar elettroniku jkun żviluppat u jiġi rrakkomandat l-użu tiegħu fl-akkwist pubbliku, iżda l-aċċettazzjoni ta' fatturi elettroniċi li jkunu konformi mal-istandard Ewropew tibqa' għad-diskrezzjoni ta' kull Stat Membru u/jew ta' kull awtorità kontraenti. L-ostakli għall-aċċess għas-suq jibqgħu preżenti. Il-piż fuq l-impriżi ġġenerat mill-kost ma jonqosx, għax huma jkunu mġiegħla jżommu diversi standards tal-fatturar elettroniku fl-istess ħin. Jekk huma jagħżlu li ma jagħmlux dan, jitilfu opportunitajiet ta' negozju potenzjali.

L-objettiv ta' din l-inizjattiva ma jintlaħaqx, billi l-problema tal-interoperabilità ma tkunx issolviet. L-impatti sekondarji jkunu osservati biss sal-punt fejn isseħħ bidla għal fatturar elettroniku, iżda minħabba n-natura volontarja ta' din l-Alternattiva, diffiċli li wieħed jipprevedi l-iskala ta' dan il-proċess.

5.3.3. L-Alternattiva (3) - Konverżjoni selettiva għall-fatturar elettroniku

L-Istati Membri li jimponu l-fatturar elettroniku fl-akkwist pubbliku fuq inizjattiva tagħhom stess jkunu meħtieġa li jaċċettaw fatturi elettroniċi li jikkonformaw mal-istandard Ewropew il-ġdid. Dan ikun inaqqas il-kostijiet u l-kumplessità tal-fatturar elettroniku għall-impriżi, li issa jkunu jistgħu jibagħtu fatturi elettroniċi li jikkonformaw ma' standard uniku lil kull awtorità kontraenti li timponi l-fatturar elettroniku. L-interoperabilità tkun iffaċilitata, iżda tista' ma tkunx iggarantita fl-Istati Membri fejn l-introduzzjoni tal-fatturar elettroniku b'mod obbligatorju tkun meħtieġa *de facto*, iżda ma tkunx imposta legalment (*de jure*). Il-kumpaniji jista' jibqa' jkollhom inċertezza ġuridika.

L-Istati Membri ma jkunux ittrattati b'mod ugwali: dawk li diġà jużaw il-fatturar elettroniku fl-akkwist pubbliku jkunu jridu jadattaw għall-istandard il-ġdid, filwaqt li dawk li ma jkunux jużawh ma jkunux obbligati li jagħmlu l-bidla u saħansitra jistgħu jiġu skoraġġuti milli jagħmlu dan malajr.

L-impatti sekondarji huma diffiċli li wieħed jipprevedihom. Sabiex l-Istati Membri kollha jagħmlu bidla għall-fatturar elettroniku fl-akkwist pubbliku, jista' jgħaddi ħafna żmien. Il-

benefiċċji potenzjali ta' kosteffiċjenza akbar u ta' aktar iffrankar miż-żieda fil-kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku ma jimmaterjalizzawx ruħhom jew inkella jagħmlu dan bil-mod ħafna.

5.3.4. L-Alternattiva (4) – L-aċċettazzjoni obbligatorja

Jiġi żviluppat standard Ewropew komuni ġdid u jitqiegħed għad-dispożizzjoni biex jintuża mill-operaturi kollha tas-suq. L-aċċettazzjoni mill-awtoritajiet kontraenti kollha tal-fatturi elettroniċi konformi ma' dan l-istandard tkun meħtieġa fl-akkwist pubbliku, mingħajr ma tissostitwixxi soluzzjonijiet tekniċi eżistenti.

L-objettiv operattiv jintlaħaq malajr: ir-rekwiżit li jiġu aċċettati l-fatturi elettroniċi konformi mal-istandard Ewropew ikun jiżgura effettivament l-interoperabilità u b'hekk jelimina l-ostakli għall-aċċess għas-suq mill-jum meta jidħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet. Hu jista' jipprovdi wkoll soluzzjoni lesta u gwida għal dawk l-Istati Membri li għadhom ma implimentawx il-fatturar elettroniku.

Għall-impriżi, din l-Alternattiva tkun toħloq iċ-ċertezza li kwalunkwe sforzi u nefqiet se jiġu amortizzati f'perjodu ta' żmien relattivament qasir. L-għarfien li investiment f'soluzzjoni unika se jippermetti li jiġu mibgħuta fatturi elettroniċi lil kwalunkwe awtorità kontraenti fi kwalunkwe Stat Membru għandu jitqies bħala argument konvinċenti favur il-bidla għall-fatturar elettroniku.

L-impatti sekondarji jkunu osservati biss sal-punt fejn isseħħ bidla għal fatturar elettroniku. Peress li d-disponibbiltà ta' standard komuni għandha tħeġġeġ aktar parteċipanti fis-suq biex jieħdu din id-deċiżjoni, l-iskala ta' dan il-proċess għandha tkun aktar sinifikanti minn dik fl-Alternattivi preċedenti.

5.3.5. L-Alternattiva (5) – L-armonizzazzjoni sħiħa

Il-fatturi li jikkonformaw mal-istandards li hemm bħalissa ma jibqgħux ikunu permessi. Għalkemm dan l-approċċ ikun jarmonizza b'mod sħiħ il-fatturar elettroniku fl-UE, l-investimenti kollha magħmula fl-Istati Membri li diġà kienu żviluppaw sistemi nazzjonali ta' fatturar elettroniku jkunu moħlija. Dan l-approċċ ikun ukoll ta' tfixkil kbir u jqum ħafna flus għall-forniturі tas-servizzi, minħabba li dawn ikollhom jerġgħu jfasslu s-sistemi fl-intier tagħhom. Fl-aħħar nett, dan ikun jissodisfa l-oppożizzjoni politika qawwija mill-Istati Membri li diġà għandhom sistemi ta' fatturar elettroniku fis-seħħ.

6. TQABBIL TAL-ALTERNATTIVI

L-analiżi tal-Alternattivi differenti pprovdiet r-riżultati segwenti:

	Objettiv - titjib/iffaċilitar tal-interoperabilità tal-fatturar elettroniku fl-akkwist pubbliku		
Alternattivi ta' politika	**EFFIKAĊJA**	**EFFIĊJENZA**	**KOERENZA[1]**

[1] Il-koerenza hija evalwata billi jittieħdu inkunsiderazzjoni wkoll l-impatti sekondarji (jiġifieri, l-impatti ġġenerati miż-żieda fl-adozzjoni tal-iffatturar elettroniku) u sa fejn l-Alternattivi huma koerenti ma' politiki oħra tal-UE (speċjalment l-inizjattiva tal-akkwist elettroniku u l-objettivi tad-Direttiva dwar il-pagamenti tard).

Alternattiva (1): L-ebda azzjoni ġdida min-naħa tal-UE	0	0	0
Alternattiva (2): Approċċ tal-għażla libera	(+ / ?)	(≈)	(?)
Alternattiva (3): Konverżjoni selettiva għall-fatturar elettroniku	(+)	(+)	(- / ?)
Alternattiva (4): Aċċettazzjoni obbligatorja	(+ +)	(+)	(+ / ?)
Alternattiva (5): Armonizzazzjoni sħiħa	(+ +)	(- -)	(≈)

Id-daqs tal-impatt meta mqabbel max-xenarju bażi (il-linja bażi hija indikata bħala 0): ++ pożittiv ħafna; + pożittiv; – – negattiv ħafna; – negattiv; ≈ marġinali/newtrali; ? mhux ċert; m.a mhux applikabbli

L-Alternattiva (4) tidher li hija l-għażla l-aktar xierqa:

- Hi tkun tippermetti li tingħeleb il-frammentazzjoni attwali u tiżgura l-funzjonament xieraq tas-Suq Intern.
- Billi t-tranżizzjoni għall-fatturar elettroniku sseħħ fuq l-inizjattiva tal-kumpanija, din ma tkunx tiġġenera kostijiet bla bżonn. B'dan il-mod, jiġu rrispettati wkoll il-prinċipji ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità.
- Billi din l-Alternattiva tħeġġeġ tranżizzjoni usa' għall-fatturar elettroniku, hi tkun tippermetti li jitgawdew bi sħiħ it-titjib fl-effiċjenza u l-iffrankar ekonomiku li jġib miegħu l-fatturar elettroniku.
- Billi tippermetti lill-kumpaniji u lill-awtoritajiet kontraenti jkomplu jużaw is-sistemi nazzjonali eżistenti ta' fatturar, jitnaqqsu l-kostijiet u t-tfixkil marbuta mat-tranżizzjoni għaż-żewġ gruppi.

Qed jiġi propost li l-iskadenza għall-bidla lejn l-aċċettazzjoni obbligatorja tal-fatturi elettroniċi konformi mal-istandard Ewropew il-ġdid, tkun l-2017 jew l-2018. Dan il-perjodu ta' żmien jirrifletti x-xewqa tal-partijiet interessati biex javvanzaw malajr u huwa konsistenti mad-data mistennija għat-tnedija tal-akkwist elettroniku obbligatorju msemmija fl-abbozzi tad-direttivi riveduti dwar l-akkwist pubbliku.

7. MONITORAĠĠ U EVALWAZZJONI

Sabiex jiġi evitat kwalunkwe piż (amministrattiv) addizzjonali fuq l-awtoritajiet kontraenti, fuq il-kumpaniji jew fuq l-Istati Membri minħabba l-ġbir ta' informazzjoni użata għall-monitoraġġ, l-indikaturi proposti prinċipalment iserrħu fuq sorsi ta' dejta eżistenti (pereżempju, il-ĠU/TED, Eurostat) jew fuq dejta diġà miġbura mill-partijiet interessati (pereżempju, il-forniturи ta' servizzi ta' fatturar elettroniku) matul l-attivitajiet kummerċjali tagħhom. Madankollu, hemm xi lakuni fid-dejta li se jkunu jirrikjedu riċerka ulterjuri (studji u stħarriġ immirati), li għandha titwettaq mid-DĠ MARKT.